MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2007

Numru. 66/2001

PULIZIJA
SPETTUR SILVIO VALLETTA
VS
JOSEPH CINI
PUBLIUS ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Cini, ta’ 36 sena, bin Joseph u Jane nee’ Buttigieg, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ Mejju 1964, u residenti Eagle’s Flats, Flat 6, Triq il-Mistrieh, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 304664(M); kif ukoll Publius Zammit, ta’ 32 sena, bin Paul u l-mejta Mary nee’ Spiteri, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Frar 1968, u residenti At. Albert Flats, No 1, Giorgio Mitrovich Street, Imsida, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 114468(M), u akkuzati:

(a) talli gewwa s-Swieqi, fil-perjodu ta’ bejn it-3 ta’ Novembru 2000, u t-3 ta’ Dicembru 2000, ikkommettew

serq ta’ diversi oggetti fosthom ghamara antika, minn fond Violetera, Lourdes Lane, Swieqi, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valura li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), hin u lok u li sar ghad-detriment ta’ John Anthony Refalo;

(b) talli gewwa l-Madliena, fil-perjodu ta’ bejn is-16 ta’ Dicembru 2000 u l-31 ta’ Dicembru 2000, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom ghamara antika, minn fond Numru 12, Triq il-Harrub, Madliena, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), hin u lok, u li sar ghad-detriment u d-dannu ta’ Martin Borg;

(c) talli fid-19 ta’ Jannar 2001 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, f’Malta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Lil Joseph Cini wahdu:

(d) talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar il-15 ta’ Novembru 1999, 13 ta’ Lulju 1998, u 2 ta’ Lulju 1996, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta’ Lulju 1997, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Publius Zammit wahdu:

(e) talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar l-10 ta’ Mejju 2000, 21 ta’ Mejju 1997, u 2 t’Awissu 1996, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta’ Lulju 1996, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputati.

Rat il-verbal a fol 174 tal-process, fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Ispettur Silvio Valletta, a fol 38 et seq, jirrizulta li fid-19 ta' Jannar 2001, il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni anonima, li Joseph Cini, maghruf bhala l-Pele', kien qed jiffrekwenta 'antique shop' bl-isem ta' Corner Antique, St Albert Street, Gzira. Ghaldaqstant, il-Pulizija marru f'dan il-post u kellmu lill-propjetarja Iris Scott, li kkonfermat dan kollu. Scott stqarret li Joseph Cini kien jigi ma' certu wiehed Publius Zammit, u li kien qed ibeghlha xi ghamara antika. Scott uriet l-ghamara li hija xtrat minghand Cini, u l-Pulizjia hadu diversi ritratti ta' din l-ghamara. Dawn ir-ritratti gew esebiti bhala dokument SV1-13.

Iris Scott infurmat lill-Pulizija li Joseph Cini kien gie gimaghtejn qabel biex ibeghlha gradenza antika. Ghall-ewwel kienet irrifjutat, u mbaghad meta rega' gie, kienu rrangaw biex imorru jaraw din il-gradenza. Din il-gradenza kienet qeghda go vann vicin lejn il-fabbrika tal-Wembley l-Imsida, Joseph Cini talabha l-prezz ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3000) u Iris Scott ma accettatx. Ftit wara, pero', ftehmu illi hija kellha tirritornalu mera u zewg 'corners' li kienet diga' xtrat minn ghandu, u ttih elfejn Lira Maltin (Lm2000) bi tpartit ghal din il-gradenza. Iris Scott hallset permezz ta' cekk ta' elf Lira Maltin (Lm1000) lil Publius Zammit, **'ghax kull meta sar id-deal dejjem kienu jmorru Joseph Cini u Publius Zammit.'** (ara xhieda a fol 40).

Iris Scott infurmat lill-Pulizija li hi kienet emmnet il-verzjoni li kienu tawha l-imputati, u cioe' li **Joseph Cini kellu missieru li kien 'dealer' fl-antikitajiet u li Publius Zammit kien kuntrattur li jixtri wkoll l-ghamara antika**. Scott infurmat lill-Pulizija li hija kienet xtrat minghand l-imputati tmien siggijiet u gradenza ohra, sotto specchio, diversi 'wall plates' u mejda bis-salib. Scott stqarret illi Joseph Cini kien ukoll beghlha mejda li wara rrizultalha li ma kinitx antika, u qalilha li kien ser igibilha xi haga tal-

istess valur, cioe' ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250), pero' sad-19 ta' Jannar, kien ghadu ma zammx kellmtu.

Iris Scott xehdet ukoll illi fid-19 ta' Jannar, kien mar Publius Zammit b'kaxxa li kien fiha zewg figorini u xi affarijiet ohra, u kienet xtrathom ghall-prezz ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25). Ir-ritratti ta' dawn l-oggetti gew esebiti u mmarkati bhala dokument SVX1-7.

L-imputati gew arrestati u fl-istqarrija tieghu, Publius Zammit (ara dokument SVV2 a fol 62 et seq), stqarr li huwa kien sar jaf lill-imputat Joseph Cini l-habs, u li Joseph Cini kien talbu l-uzu ta' zewg vannijiet li ma kinux jahdmu, sabiex iqieghed xi affarijiet li kellu. Publius Zammit stqarr illi sussegwentement, kien ukoll krielu b'mod temporanju, Number 10, St Louis Street, l-Imsida, li kien battal, sabiex iqieghed dawn l-affarijiet, bil-prezz ta' hamsin Lira Maltin (Lm50) fix-xahar. Gara pero', illi minflok li beda jnehhi l-affarijiet, Joseph Cini beda dejjem iktar jitfa' affarijiet go dan il-fond, affarijiet bhal antikitajiet, ghodod, etc.

Publius Zammit stqarr li hu ma kienx jinnegozja ma' Cini izda dan kien talbu biex jghinu jnehhi l-affarijiet billi jhajjru li mal-bejgh, Cini kien se jghaddilu xi haga minn dak li huwa kellu jaghti ghall-kera. Publius Zammit ikkonferma li huwa kien mar xi erba' jew hames darbiet go hanut tal-antikitajiet il-Gzira, u stqarr illi kien vera li kien mar f'dan il-hanut tal-antikitajiet ma' Joseph Cini, **u li kien sema' lil Cini jghid hafna diskors illi ma kienx veru**.

Publius Zammit stqarr illi sahansitra, Joseph Cini kien qal lil Iris Scott biex taghmel cekk f'ismu, (cioe' f'isem Publius Zammit), u dan sabiex jiehu xi haga milli kellu jiehu ghall-kera, ghax kellu tlett xhur kera b'lura. Minn dan ic-cekk pero', gie mghoddi biss hamsin Lira Maltin (Lm50), ghax Cini qallu li kellu jhallas lill-persuna minghand min xtara l-ghamara. Muri r-ritratti esebiti, Zammit ikkonferma li din kienet l-ghamara li Iris Scott kienet xtrat minghand Cini.

Publius Zammit, a fol 65, ikkonferma illi Cini kien jghidlu li l-ghamara kien jixtriha minn Ghawdex. Publius Zammit

stqarr ukoll illi huwa kien sussegwentement kecca lil Joseph Cini barra bl-ghamara b’kollox, li kienu baqghu xi affarijiet zghar bhal figorini u xi cwievet u crieket tar-ram, u li kien ha kollox lil Iris Scott u kien bieghhomlha hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25). Publius Zammit ikkonferma wkoll illi apparti minn Iris Scott, kienu marru f’hanut tal-antikitajiet fin-Naxxar, u Cini kien biegh bicca ghamara antika bi prezz ta’ elf u mitejn Lira Maltin (Lm1200).

Filfatt, Joseph Cini ta struzzjonijiet sabiex ic-cekkijiet jigu f’isem Publius Zammit, izda Zammit stqarr li hu ma accettahomx u baqa’ jishaq ma’ Joseph Cini li sahansitra kellu jmur lura ghand ix-xerrej tal-ghamara antika u jergghu jinhargu c-cekkijiet fuq Joseph Cini. Publius Zammit innega li huwa mar jisraq dawn l-oggetti antiki ma’ Cini, u kkonferma li kien ghen lil Cini jgorru tmien siggijiet u sotto specchio xi gimgha jew tnejn qabel il-gradenza tas-salib, lil Iris Scott. A fol 67, Publius Zammit baqa’ jishaq li hu qatt ma kien jaf minn fejn kienu mixtrija dawn l-affarijiet antiki.

Spettur Silvio Valletta xehed illi filfatt il-Pulizija sussegwentement kienu marru ghand Victorian Antiques, Zelqa Street, Naxxar, biex ikellmu lil Carmen Grima, li wkoll ikkonfermat li kienet xtrat librerija minghand Joseph Cini u Publius Zammit. Gew esebiti r-ritratti dokument SVJ1-4.

Carmen Grima xehdet li wara hafna negozjati, hija kienet xtrat librerija ghall-prezz ta’ elf u mitejn Lira Maltin (Lm1200). L-imputati Cini u Zammit kienu hadulha din il-librerija u tathom zewg cekkijiet ta’ disa’ mitt Lira Maltin (Lm900) u tlett mitt Lira Maltin (Lm300) fuq isem Publius Zammit, u dan fit-23 ta’ Dicembru filghodu. Fl-istess gurnata wara nofsinhar, kien rega’ cemplilha l-imputat Cini u talabha biex tbiddel dawn ic-cekkijiet u taghmilhom f’ismu. Carmen Grima stqarret mal-Pulizija li hi ma kinitx taf li din il-librerija kienet misruqa, u dan ghaliex hi hallset flus tajba fuqha.

Spettur Silvio Valletta xehed illi rrizulta li din l-ghamara kienet ta’ Profs Ian Refalo, li kien irraporta serq fir-

residenza tas-Swieqi, minn fejn kienu nsterqulu diversi bicciet tal-ghamara, li jidhru fir-ritratti dokument SVX1-7.

Martin Borg, li wkoll kien ghamel rapport ta' serq ta' antikitajiet fil-31 ta' Dicembru tal-2000, ikkonferma illi l-librerija antika kienet tieghu u gharafha fir-ritratti dokument SVJ1-4, u gharaf ukoll l-evidenza li tidher fir-ritratti dokument SV1-13, u dan apparti li gharaf ukoll it-tmien siggijiet li jidhru f'ritratti ohra.

Il-Pulizija mbaghad bdew jinterrogaw lil Joseph Cini, li kkonferma li hu kien gieli ghamel 'business' ma' certu Iris Scott u Carmen Grima, pero' dan ferm antecedenti ghall-allegazzjonijiet maghmulha. Infatti Joseph Cini nnega kollox u kkonferma illi hu kien jaf lil Zammit mill-habs, li qallu li ried jibda' 'business' fl-antikitajiet, u li kien urieh il-hwienet minn fejn kien ghamel il-'business' maghhom. Fl-istqarrija tieghu, Joseph Cini sostna li hu kien mar ma' Zammit darba wahda biss ghand Iris Scott, u dan semplicement halli jintroduci lil Zammit maghha. Joseph Cini stqarr ukoll illi Zammit kien jahdem bhala 'delivery man' ta' Iris Scott.

Joseph Cini nnega li kien biegh lil Iris Scott gradenza, tmien siggijiet u sotto specchio, u xehed illi huwa kien semplicement akkumpanja lil Zammit, meta dan kellu l-bejgh tal-librerija, u dan sabiex jiehu lura d-disa' mitt Lira Maltin (Lm900), li Cini jghid li kien sellef lil Publius Zammit, ghaliex kien thassru fuq kwistjoni ta' mard. Jinnega li kien cempel lil Carmen Grima biex din tbiddel ic-cekkijiet u taghmilhom f'ismu.

Fl-istqarrija a fol 61, Joseph Cini, ghall-mistoqsijiet maghmula mill-Ufficjal Prosekutur, jghid testwalment hekk:

**'Pullu cempel lil Carmen u dan qalilha biex jigi jibdel ic-cheques ghall-flus biex jaghti d-disa' mitt Lira lili…jien ma qedtx hekk, jien kullma qedtilha kien biex taghmel ic-cheques fuq ismi u lil Pullu tatu Lm300.'**

Dokumenti SVV1-3 juri c-cekkijiet mahruga minn Neville Scott, (ir-ragel ta' Iris Scott), lil Publius Zammit u Joseph Cini.

Martin Borg, a fol 75, ikkonferma li huwa kien ghamel rapport dwar serqa mid-dar tieghu fil-Madliena, fil-31 ta' Dicembru tas-sena 2000, minn fejn kien insteraqlu kwantita' ta' ghamara antika, u kkonferma li fost din l-ghamara antika kien hemm 'canapé', vetrina, 'rocking chair' u gradenza, li kollha jidhru fir-ritratti esebiti dokument MB1-4. Martin Borg xehed illi f'Jannar, il-Pulizija kienu regghu baghtu ghalih, u li hu **kien identifika tlieta mill-affarijiet li kienu gew misruqa, u cioe' l-'book case' u l-gradenza, flimkien ma' tmien siggijiet.** Ikkonferma pero' illi l-kumplament tal-oggetti ma kinux gew misjuba. Martin Borg esebixxa dokument MB, cioe' lista tal-oggetti li kienu misruqa mill-fond 12, Carab Lane, Madliena.

PS 1360 Joseph Harrison, ikkonferma l-prezenza tieghu fl-istqarrija tal-imputati, u gharaf lill-imputati. PS 1360 ikkonferma wkoll li fid-19 ta' Jannar 2001, kien mar hu flimkien ma' membru tal-Pulizija iehor, f'hanut Corner Antiques, il-Gzira, biex ikellmu lil Iris Scott, li kkonfermat li hija kienet xtrat xi ghamara antika u xi platti u xi affarijiet minghand l-imputat Joseph Cini. Din l-ghamara giet elevata l-gurnata ta' wara, liema ghamara u oggetti gew identifikati mir-ritratti esebiti, murija lill-istess PS 1360, u dan b'referenza ghar-ritratti SV1-13, u SVX1-7. Is-Surgent Harrison ikkonferma li wkoll kien acceda f'hanut jismu Victorian Antiques, in-Naxxar, u tkellem ma' Carmen Grima, li wkoll ikkonfermat li kienet xtrat xi ghamara antika minghand Joseph Cini, u kkonferma li dawn kienu l-oggetti murija lilu fir-ritratti SVJ1-4.

Iris Scott ikkonfermat ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur a fol 85 et seq. Scott xehdet illi hija kienet xtrat dawn l-oggetti bi prezz tajjeb, u kkonfermat illi kienet xtrat xi **oggetti minghand Joe Cini u Publius Zammit**, li gharfithom bhala l-imputati prezenti fl-awla. Scott ikkonfermat illi l-oggetti mixtrija minn ghandhom kienu dawk li jidhru fir-ritratti dokument **SV1-13**, u li l-imputati **kienu jigu**

**flimkien**, u li l-aktar li kien jitkellem kien Joseph Cini, **'kienu qishom jikkonsultaw flimkien u qisu l-aktar li kien jiehu f'idejh l-affarijiet kien Joseph Cini.'** (ara xhieda a fol 87).

Iris Scott ikkonfermat illi l-oggetti li jidhru fir-ritratti dokument SV1-7, kien gie bihom Publius Zammit wahdu. Ghal dawn, Scott kienet hallset permezz ta' cekk, u cioe' SVV3-9. Scott xehdet li hija qatt ma kellha l-icken suspett li dawn kienu hwejjeg misruqa, **'ghax kienu jigu f'nofs ta' pjazza, jifthu l-affarijiet quddiem kulhadd, ma kien hemm xejn x'jinkwetahom u huma kienu jghidu 'ahna antique dealers', specjalment missier Joe Cini jifhem hafna u jixtru djar shah u mbaghad jigu jbieghhuhom.'** (ara xhieda a fol 88).

Profs Ian Refalo, a fol 90, xehed li huwa kien ghamel rapport lill-Pulizija dwar serqa li sehhet mid-dar tieghu f'San Giljan, fl-4 ta' Dicembru 2000, minn fejn kienu nsterqu mejda tal-ikel, 'side table', mejda ndurata u xi siggijiet. Ftit wara, kienet sehhet serqa ohra, fejn insterqu l-affarijiet li kien fadal u cioe' xi kwadri ta' dghajjes Maltin. Xi zmien wara, kienu baghtu ghalih il-Pulizija, u Profs Refalo kien gharaf l-affarijiet tieghu. Profs Refalo kkonferma l-affarijiet li kienu jidhru fir-ritratti dokument SVX1-2, u kkonferma wkoll li **l-mejda tal-ikel filfatt qatt ma sabuha**, pero' s-'side board', li jidher f'dokument IR, gie rintraccjat.

**Carmen Grima**, a fol 94 et seq, ikkonfermat li hija kellha 'business' tal-ghamara antika, **f'hanut li jismu Victorian Antiques, Zelqa Street, Naxxar**, u li kienet giet interrogata mill-Pulizija rigwardanti xi ghamara li hija kienet xtrat **minghand iz-zewg imputati**. Infatti, Grima kkonfermat li meta vverifikat mac-cekkijiet li kienet harget, sabet li kienet **ghamlet cekk f'isem Joseph Cini u iehor f'isem Publius Zammit, u gharrfet lill-imputati prezenti fl-awla** (ara xhieda a fol 95). Carmen Grima kkonfermat li kien ikkuntatjaha wiehed mill-imputati, u kien sar ftehim li hija kellha tmur tispezzjona l-ghamara quddiem il-knisja tal-Imsida:

**‘Publius Zammit qaghad mieghi, Cini mar igib ic-cwievet tal-post, u dahhluni f’dar zghira, u kien hemm bureau (book case) u kien hemm gradenza zghira bil-wicc mahruq sew.’ (ara xhieda a fol 96).**

Carmen Grima kkonfermat li l-imputati kienu qed jippretendu tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3500) ghall-‘bureau’, u tlett elef Lira Maltin (Lm3000) ghall-gradenza. Grima kkonfermat li hija rathom gholjin u ma xtrathomx, fejn l-imputati kitbu t-telefon taghhom biex jaghtu l-fakulta’ lil Grima ghar-ripensament. Sussegwentement kienu cemplulha u kienu nfurmawha illi kienu bieghhuha l-ghamara. Grima kkonfermat illi jumejn wara, kienu regghu cemplulha u qalulha illi l-bejgh ma kienx sehh, u li jekk hija toffrilhom ‘cash’, ibieghhu l-‘bureau’ lilha. Hawnhekk, hija kienet baghtet lit-tifel taghha, u xehdet li kien cemplilha t-tifel taghha biex jghidilha jekk hux veru li hija kienet ghamlet offerta ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2000) fuq il-‘bureau’. Carmen Grima nnegat dan kollu u li hi mbaghad kienet offriet il-prezz ta’ elf u mitejn Lira Maltin (Lm1200). Grima kienet iddividiet l-ammont f’zewg cekkijiet, cioe’ ta’ disa’ mitt Lira Maltin (Lm900) u ta’ tlett mitt Lira Maltin (Lm300), f’isem Publius Zammit.

Wara nofsinhar, Grima rceviet telefonata minghand l-imputat Zammit li talabha ‘cash’ minflok ic-cekk. Ghaldaqstant hija tat tlett mitt Lira Maltin (Lm300) f’’cash’, u ghamlet cekk iehor ta’ disa’ mitt Lira Maltin (Lm900) fuq isem J.Cini. **Carmen Grima xehdet li hija ma haditx sold mill-flus kollha li hallset**. Mistoqsija dwar min ried illi hija tbiddel ic-cekkijiet, Carmen Grima xehdet **‘it-tnejn, bdew jaqbzu fuq xulxin…’** (ara xhieda a fol 100).

Miluba tghid dwar min gie biex jibdel ic-cekk, Carmen Grima tikkonferma s-segwenti:

**‘It-tnejn flimkien, iva dejjem flimkien, u t-tnejn flimkien qaluli li sejrin jixtru xirja…imma jigifieri dehru jifhmu fl-ghamara u t-tnejn il-hin kollu, ma nistax inwahhal f’wiehed u ma nwahhalx fl-iehor ghax it-tnejn li huma.’ (ara xhieda a fol 101).**

Thomas Vassallo, a fol 111, esebixxa kopja tal-istima tal-oggetti tal-ghamara antika u dan f'ammont ta' erbat elef, hames mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm4545) (ara dokument TV a fol 113).

PS 602 Jonathan Attard, a fol 117 et seq, ikkonferma r-relazzjoni tieghu fil-process verbal dwar serq mill-fond Numru 12, Triq il-Harruba, Madliena, li sehh fil-31 ta' Dicembru 2000 (ara fol 5 tal-istess process verbal).

PC 1182 Raymond Cassar, a fol 119, ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 7 et seq tal-process verbal, li gie esebit u jinstab a fol 106 tal-process.

Spettur Silvio Valletta, a fol 121, ipprezenta s-sentenzi dokument JVZ1-JVZ5, sentenzi fil-konfront tal-imputati, filwaqt li esebixxa ritratti tas-siggijiet antiki u 'side board' li gew esebiti bhala dokument JVV1-3.

Spettur Simon Galea, a fol 147, ikkonferma x-xhieda tal-identita' tal-imputat Publius Zammit, b'referenza ghas-sentenza dokument JVZ5, waqt illi kkonferma r-rapport fil-process verbal tas-serqa mill-fond 12, Triq il-Harruba, Madliena, li sehhet fil-31 ta' Dicembru 2000, li tinstab esebita a fol 107 tal-process.

Spettur Carmel Bartolo, a fol 152, ikkonferma x-xhieda tal-identita' tas-sentenza esebita a fol 128, fil-konfront ta' Joseph Cini.

Irene Refalo, a fol 154, ikkonfermat illi d-dar taghha kienet sfat misruqa fit-3 ta' Dicembru 2000, u wara xi hmistax kienu regghu dahlulhom, u minn god-dar taghhom kienu gew misruqa 'side board', mera zghira, erba' platti zghar, 'telescopic table', sotto specchio, u gridenzina, u li minn fost dawn l-oggetti kienu nstabu biss is-'side board' u mera zghira. Refalo kkonfermat id-diversi ritratti li jidhru a fol 103, u cioe' r-ritratti dokument SVX1-7, u gharfet ukoll ir-ritratti dokument JVV3. Irene Refalo kkonfermat illi dawn l-oggetti ta' ghamara antika ma kinux assigurati u li **biss biss it-'telescopic table' kienet tiswa' xi elfejn Lira**

**Maltin (Lm2000), waqt illi s-'side board' kien jiswa' madwar hamest elef Lira Maltin (Lm5000).**

David Grima, a fol 161, ikkonferma li huwa ghandu hanut **Victorian Antiques, in-Naxxar,** u jopera flimkien mal-mama' tieghu, u kkonferma x-xhieda ta' Carmen Grima. A fol 165, David Grima xehed illi Joseph Cini kien qallu li filfatt il-mama' tieghu kienet diga' ghamlet offerta ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500), li huwa vverifika ma' ommu illi nnegat dan kollu, u spiccaw ftehmu fuq prezz ta' elf u mitejn Lira Maltin (Lm1200), ghar-rigward tal-'bureau'. Grima kkonferma s-saga ghar-rigwardanti c-cekk, u kkonferma l-'bureau' in kwistjoni li jidher fid-dokumenti SVJ1-4. David Grima gharaf liz-zewg imputati, u xehed li kien **gie l-ewwel Cini biss fil-hanut tieghu, waqt illi persuna ohra kienet baqghet barra fil-karozza**, izda wara l-ewwel darba, **hu kien dejjem iddealja maz-zewg imputati (ara xhieda a fol 168).**

Spettur Mario Bonnici, a fol 170, ikkonferma s-sentenza a fol 131, dokument JVZ3, fil-konfront ta' Joseph Cini, u gharaf lill-istess Cini fl-awla.

L-imputat Publius Zammit, a fol 183, xehed illi huwa kien sar jaf lill-imputat Cini ghaliex dan **'kellu xi affarijiet fid-Depot biex inwassalhomlu, u li huwa offrieli li nzommhomlu ghal gimgha jew gimaghtejn u mhux iktar'** fil-vannijiet tieghu stess li kienu weqfin u ma jahdmux. Publius Zammit xehed pero', illi wara xi xahar, dawn l-affarijiet fil-vannijiet tieghu baqghu hemm, kien ikkuntatja lil Cini biex inehhihomlu u offrielu biex iqeghdhom f'post ghal erbat ijiem, '**ghaddew xahar jew xahrejn u dawn l-oggetti minflok bdew jonqsu bdew jizdiedu'**. Publus Zammit xehed li kien qal lil Joseph Cini biex inehhilu kollox minn hemm, u Cini talbu jtih daqqa t'id biex isib il-bejgh ta' dawn l-affarijiet, sabiex imbaghad huwa jkun jista' jroddlu xi haga lura ghall-kera tal-post.

Infatti Publius Zammit jghid illi minn hemmhekk, huwa beda jghinu jghabbi xi affarijiet, u marru jbieghhuhom il-Gzira, **'spicca gab skuza li minhabba c-cekk tar-relief u mhux cekk tar-relief, kelli naghmel ic-cekk fuq ismi,**

**u morna darbtejn il-Gzira u darba n-Naxxar.’** Zammit ikkonferma li darba kien ghamel cekk fuq ismu l-Gzira, u darba kienu telghu n-Naxxar u ghamel ukoll cekk iehor fuq ismu, izda dan tal-ahhar ma accettahx, u dan ghaliex beda jissuspetta li kien hemm xi haga hazina, **‘xi bawxata tajba’** (ara a fol 185).

Publius Zammit xehed li hekk kif sarraf dan ic-cekk, Joseph Cini hataflu l-flus minn idejh u li ghalhekk, Zammit kien kostrett illi jiffitta lil Cini biex inehhilu l-affarijiet mill-post tieghu. Zammit xehed li fl-ahhar kellu jikri vann u qabbad tnejn min-nies u tefaghlu kollox wara l-bieb. Wara xi gimgha jew gimaghtejn, gew ghalih il-Pulizija. L-imputat Zammit ikkonferma li huwa kien qabbad lil Charles Butler biex jghinu jgorru l-affarijiet. Ghal dawn it-tragitti kollha, Zammit xehed li huwa kien thallas **‘hamsin Lira bit-terturi’**. Zammit ikkonferma li kienu bieghhu xi ‘side board’ u xi gradenza lil hanut fil-Gzira, ta’ certu Scott, u xehed illi kien l-imputat Cini li laqqghu maghha.

A fol 189, l-imputat Publius Zammit xehed illi l-gradenza li huma bieghhu lil Iris Scott ma kinitx fost l-affarijiet illi l-imputat Cini kellu fid-Depot. Zammit ikkonferma li kien ilu jaf **lil Joe Cini mill-1995 ghaliex kienu skontaw sentenza ta’ habs flimkien**, **u li ghaldaqstant, kien jafu sew**. Mistoqsi jekk rax xi agir suspettuz, Publius Zammit xehed, **‘ifhimni jien bhal fatt mort ghax ridt nehles, ridt inbattal il-post.’** (ara fol 190).

Publius Zammit ikkonferma illi Cini gieghel lil Scott taghmel ic-cekk f’ismu, u li hu dan ma ridux ghax ma riedx ‘**praspar’**. Publius Zammit xehed illi kien wara li l-imputat Cini rega’ qal lil Carmen Grima biex taghmel ic-cekk fuq ismu (Zammit), li huwa ssuspetta li l-oggetti setghu kienu misruqa (ara xhieda a fol 190). Publius Zammit xehed illi huwa kien ra l-gradenza l-ewwel darba meta kien ser ibieghha ma’ Cini.

L-imputat Joseph Cini ghazel li ma jixhidx.

Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta’ Mary Rose Farrugia (a fol 244), ghar-rigward tal-andament tal-imputat Cini, u s-

‘social enquiry report’ tal-imputat Joseph Cini, redat minnha stess (ara xhieda a fol 247 et seq).

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda fuq esposta, johrog car illi l-‘amicizia’ bejn l-imputati bdiet fi hdan il-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, u dan jirrizulta mill-istqarrija ta’ Publius Zammit u mix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti, f’dan l-istadju, ma tistax ma taghmilx accenn ghall-fedina penali estensiva taz-zewg imputati, u taghraf illi filwaqt illi l-fedina penali ta’ Publius Zammit hija pjuttost sostanzjali, dik ta’ Joseph Cini tizboqha bil-kbir, u jidher illi z-zewg imputati ghamlu zmien konsiderevoli f’din il-Facilita’. Illi ghaldaqstant, Publius Zammit bl-ebda mod ma jista’ jigi emmnut meta jghid illi huwa pprova jghin lil Cini u li fdah meta offrielu l-vetturi tieghu u l-fond tieghu sabiex jitqeghdu l-oggetti msemmija fl-istqarrija tieghu u fix-xhieda tieghu, u li ma kellux suspetti fuq il-provenjenza tal-istess oggetti, u dan kollu qed jigi konkluz wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kontenut tal-Artikolu 639 tal-Kap 9.

Illi in oltre, il-verzjoni kif giet moghtija minn Publius Zammit, la hija kredibbli, wisq anqas verosimili, u certament mhix konfortata mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet:

(1) l-imputat Publius Zammit jipprova johloq xenarju li huwa ma kien jaf xejn fuq l-attivita’ llegali ta’ Cini, u li dahal f’basla kompletament intortament ghaliex avda lil Cini, u ghaliex ried jizgombra l-oggetti mill-vannijiet u mill-post tieghu. Dan pero’ mhuwiex konfortat mill-provi ghaliex, kemm ix-xhieda ta’ Carmen Grima u David Grima, kif ukoll dik ta’ Iris Scott, jikkonfermaw illi kienu **dejjem iz-zewg imputati** illi kienu nnegozjaw maghhom ghall-bejgh tal-oggetti tal-ghamara, u li **z-zewg imputati kienu rcevew il-flus**;

(2) di piu’, Publius Zammit jiddikjara fix-xhieda tieghu, illi huwa kien thallas **darba** permezz ta’ cekk, ghaliex ghad-darba ta’ wara, huwa kien mar sahansitra ghand ix-xerrej biex jaqleb ic-cekkijiet minn fuq ismu ghal

fuq isem Joseph Cini. Il-Prosekuzzjoni pero' esebiet id-dokumenti SVV3-9, fejn juri b'mod car illi Publius Zammit gie mhallas permezz ta' cekk, f'ammont ta' tmien mija u hamsin Lira Maltin (Lm850) minn Neville Scott (ara dokument SVV7 a fol 72); kif ukoll gie mhallas elf u disa' mitt Lira Maltin (Lm1900) mill-istess Scott (ara dokument SVV4 a fol 69); u cekk ta' elf Lira Maltin (Lm1000) (ara dokument SVV3 a fol 68); apparti hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) f''cash' ghal figorini, u apparti c-cekkijiet l-ohrajn kollha illi bihom gie mhallas Joseph Cini.

Illi madanakollu pero', din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha sal-livell probatorju li hija rikjesta fil-kamp kriminali, ghar-rigward tal-ewwel zewg akkuzi rigwardanti s-serq li sehh fit-3 ta' Novembru 2000 u fis-16 ta' Dicembru 2000, **fil-konfront tal-imputati**. Il-Qorti tara pero' illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sal-grad probatorju li trid il-ligi kriminali, li s-serqiet menzjonati fl-ewwel u t-tieni akkuza nfatti sehhew, u pproduciet xhieda tal-persuni derubati, l-oggetti misruqa u l-valur tal-istess. Illi di piu', id-derubati gharfu l-ghamara antika fil-pussess tal-Pulizija bhala propjeta' taghhom.

Il-Prosekuzzjoni ppruvat a sodisfazzjon ta' din il-Qorti wkoll, illi din l-istess ghamara kienet dik illi nstabet fil-pussess ta' Iris Scott, Carmen Grima u David Grima, liema persuni telghu quddiem din il-Qorti u xehdu illi kienu gew mibjugha dawn l-oggetti ghal prezz konsiderevoli miz-zewg imputati. Infatti, l-stima tal-oggetti msemmija ndikata, giet prodotta minn Thomas Vassallo, u qeghda esebita bhala dokument TV a fol 113, u awtentikata fix-xhieda tieghu a fol 111 et seq.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-akkuza ta' ricettazzjoni. Illi dan il-kaz jimmerita ezami ta' **kuncett ta' 'recent possession'** u l-applikabilita' ta' dan il-kuncett ghall-kaz in ezami. Illi dan il-kuncett gie adottat fil-gurisprudenza nostrali taghna mill-ligi kriminali Ingliza. Infatti fis-sentenza, Appell Kriminali, deciza mill-Prim Imhallef Vincent Degaetano, fil-kawza Il-Pulizija vs Emanuel Seisun u Pius sive' Pio Micallef, deciza fis-26 t'Awissu 1998, jinghad is-segwenti:

*‘There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The ‘rule’ (for it is no more than the application of common sense), is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be so directed: see R. vs Loughlin, 35 Cr.App.R.69; R.vs Seymour, 38 Cr.App.R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

*In R. v Smythe, 72.Cr.App.R&C.A., the Court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it is adopted the following passage from Cross on Evidence, 5th ed., page 49 (now 8th ed. Page 35): ‘If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.*

*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be*

*left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence.' (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126).*

*U aktar 'l quddiem jinghad:*

*'What constitutes 'recent possession' depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case… In R. v Smythe…Kliner Brown J., giving the Court of Appeal's judgment said: 'Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence.' (para. 21-320);'*

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u mix-xhieda tal-processi verbali esebiti a fol 106 u 107, illi s-serqiet mertu tal-akkuzi, gew kommessi fil-perjodu tat-3 ta' Novembru 2000 sat-3 ta' Dicembru 2000, u s-16 ta' Dicembru 2000 sal-31 ta' Dicembru 2000.

Illi mic-cekkijiet esebiti fil-process, dokumenti SVV3-9, jirrizulta illi l-imputati Cini u Zammit kienu bdew jinnegozjaw uhud minn din l-ghamara mill-21 ta' Novembru 'l quddiem (ara SVV5 a fol 70).

Illi in oltre, il-librerija antika misruqa minn Martin Borg bejn is-16 u l-31 ta' Dicembru 2000, kienet imbieghet lil Carmen Grima sad-19 ta' Jannar 2001.

Illi kif jinghad tajjeb mill-insenjament fuq indikat fis-sentenza R v Smythe, 72. Cr.App, R.8.C.A, dak illi

jikkostitwixxi pussess recenti jiddependi min-natura tal-propjeta’ nnifisha u c-cirkostanzi tal-kaz.

Illi fil-kaz in ezami, il-propjeta’ tirrigwardja ghamara antika, u din a differenza ta’ propjeta’ mobbli ohra bhal per ezempju ‘mobile phones’, ghandha valur gholi u sostanzjali u tappella ghal suq limitat, kemm minhabba prezz u kif ukoll minhabba gosti, u ghaldaqstant, wiehed ma jistenniex li ser tbiddel l-idejn mill-lum ghal ghada. Illi ghaldaqstant, il-perjodu ta’ zmien rilevanti f’dan il-kaz, u cioe’ mit-3 ta’ Novembru 2000 sad-19 ta’ Jannar 2001, **certament jikkostitwixxi ghal din il-Qorti u jikkonfigura taht ‘recent possession’, aktar u aktar meta l-imputati jidhru illi kienu qed jinnegozjaw din l-ghamara antika fid-dati kollha ndikati** fic-cekkijiet esebiti, u cioe’ **fil-21 ta’ Novembru 2000** (SVV5), **fit-22 ta’ Novembru 2000** (SVV6), **fit-28 ta’ Novembru 2000** (SVV8), **fit-30 ta’ Novembru 2000** (SVV7), u **fis-26 ta’ Dicembru 2000** (SVV4).

Illi l-Qorti nnutat l-stima li esebixxa Thomas Vassallo, dokument TV a fol 113, fejn l-oggetti ta’ ghamara antika gew stmati ghal erbat elef, hames mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm4545).

Illi l-Qorti rat ukoll illi l-Prosekuzzjoni ppruvat l-akkuza ta’ recidiva, kemm fil-konfront ta’ Joseph Cini, kif ukoll fil-konfront ta’ Publius Zammit, u dan in vista tas-sentenzi esebiti fil-process dokumenti JVZ1-5, kif ikkonfermati mix-xhieda tal-identita’ li jinstabu a fol 147, 152 u 170.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputati Joseph Cini u Publius Zammit mhux hatja tal-ewwel u tat-tieni akkuza, li minnhom tilliberahom, lil Joseph Cini hati tat-tielet u r-raba’ akkuza, u lil Publius Zammit hati tat-tielet u l-hames akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 31, 279(2), 289, 334, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannahom ghal erba’ snin prigunerija kull wiehed. Din il-Qorti qed takkordi din il-piena in vista tal-fedina penali pessima tal-imputati li ma jaghtix lok ghal piena alternattiva ghajr dik ta’ nkarcerazzjoni, u dan anke wara li l-Qorti ezaminat dak kollu li hemm kontenut fir-rapport tal-

Probation Officer Mary Rose Farrugia, dokument M a fol 247 et seq.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------